Numru tar-reġistrazzjoni tal-iskola: 1917 | Pajjiż: MT

Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: 1248 | Par lingwi: EN > MT

Inizjali tal-istudent: AC | Sena tat-twelid tal-istudent: 1999

Kumbinazzjoni tradotta f'karriera.

Dejjem affaxxinajt ruħi kif avvenimenti li jkunu jidhru insinifikanti jistgħu jkollhom impatt daqshekk qawwi fuq il-ħajja tan-nies. Fil-każ tiegħi, tliet grajjiet li graw b'kumbinazzjoni, wassluni biex nitlaq mill-Ingilterra u mmur ngħix fi tliet pajjiżi oħra, u nsir tradittur professjonali.

Kollox beda waqt kunċert tar-rokk. Lejn it-tmiem tal-lejla finali, bix-xita nieżla rxiex bħas-soltu, grupp minna ġew avviċinati minn tliet rokkers xi ftit żmattati u mimlija tajn, u wieħed minnhom staqsiena b'Ingliż imfarrak kif jasal sal-istazzjon. Skoprejna li huma kienu mill-Germanja u kienu qegħdin jivvjaġġaw madwar l-Ewropa. Il-Ġermaniż tiegħi kien pjuttost bażiku u l-istazzjon kien 'il bogħod mhux ħażin, allura jien offrejt li nurihom id-direzzjoni fl-aħħar tal-ispettaklu. Biex ma ntawwalx, aħna żammejna kuntatt u jien iddeċiedejt li nistudja l-Germaniż fl-Università.

Sakemm gradwajt jien kont diġà affaxxinajt ruħi bl-affarijiet kollha Germaniżi tant li ridt immur ngħix hemm. Il-karriera ovvja għalija kienet dik ta' għalliem, u xahar biss wara li ksibt il-lawrja, jien sibt ruħi ngħix Essen, ngħallem l-Ingliż u t-traduzzjoni lil studenti ta' kull età u li ġejjin minn faxex differenti. Gara li l-

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru tar-reġistrazzjoni tal-iskola: | 1 9 1 7 | Pajjiż: | M T | | | |
| Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: | 1 2 4 8 | Par lingwi: | E N | > | M T | |
| Inizjali tal-istudent: | A C | Sena tat-twelid tal-istudent: | 1 9 9 9 | | | |

imgħallem tiegħi kien Taljan, u kienet ilha tberren fih l-ambizzjoni li jiftaħ skola tal-lingwi f'pajjiżu. Meta, sentejn wara, huwa offrieli l-opportunità li mmur Piża bħala l-Kap tal-Lingwi, deher li avventura oħra kienet ġieġħda ssejjaħli.

Allura, jiena tlaqt, armat bi ftit Taljan u bil-fiduċja li dak li kont għamilt darba, stajt nerġa' nagħmlu mill-ġdid. Qattajt tliet snin ngħallem l-Ingliż u l-Ġermaniż ġewwa l-Italja, u dejjem nagħmel iktar xogħol ta' traduzzjoni hekk kif it-Taljan tiegħi beda jitjieb.

U hawn fejn seħħet it-tielet kumbinazzjoni ta' avvenimenti. Wieħed mill-ħbieb li kien il-kunċert miegħi, issa kien qed jaħdem id-Danimarka. Hu ra reklam fil-gazzetta – l-Internet kien xi ħaġa tal-fantaxjenza f'dawk iż-żminijiet – għal kompetizzjoni organizzata mill-Kummissjoni Ewropea għat-tradutturi li jafu mill-inqas żewġ lingwi tal-U.E. Qatt qabel ma kien għaddieli minn moħħi li nsir traduttur 'full-time', imma issa li kont naf il-Ġermaniż u t-Taljan, jien iddeċidejt li nieħu ċans.

Numru tar-reġistrazzjoni tal-iskola: 1 9 1 7

Pajjiż: M T

Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: 1 2 4 8

Par lingwi: E N > M T

Inizjali tal-istudent: A C

Sena tat-twelid tal-istudent: 1 9 9 9

Bi ftit tama jien applikajt u ħadt sehem fil-kompetizzjoni f'Ruma, kif suppost. Konsegwentament, b'sorpriża kbira jien kont mistieden fi Brussel għall-eżami orali. Għaddejt minn dak ukoll, u sentejn wara sirt traduttur professjonali mal-Kummissjoni fi Brussel.

Dan seħħ għoxrin sena ilu, u qatt ma ħarist lura. Em, apparti biex nirringrazzja lil xortija talli t-tliet Ġermaniżi staqsewni għad-direzzjonijiet!